MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Numru. 419/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**v**

**Veronique Borg Costanzi ta' 41 sena**
**mart Emanuel Bartolo (separate) bint Victor**
**u Maria Carmela nee Dingli mwielda fil-Furjana,**
**fl-10 ta' Jannar, 1963 u li toqghod 47, Triq id-Duluri,**
**Birzebbuga detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**32264 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Veronique Borg Costanzi li giet akkuzata talli fil-15 ta' Mejju, 2004 f'xi hin matul il-gurnata mill-fond bl-isem ‚Michaela' Ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti tal-

fidda u ornamentali ghad-dannu ta’ Dr Victor Borg Costanzi LL.D. minn San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-valurli jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) bil-persuna u bil-lok.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe l-artikoli 261 (c)(d)(e), 267, 268, 269, 279(b), 280, 281, 334, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-16 ta’ Marzu, 2005 l-akkuzata tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll kif dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur li l-parti leza, llum serjament indisposta riedet ukoll tirtira l-kwerela taghha. Semghet ukoll ix-xhieda ta’ Dr Peter Borg Costanzi li wkoll bil-gurament irribatta x-xewqat tal-parte leza. Rat ukoll id-dokument esebit bhala Dok A.

Rat ukoll il-pre sentencing report redatt mill-Probation Officer Mariella Camilleri.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi in vistatal-htija registrata minn Veronique Borg Costanzi fi zmien bikri ta’ l-interrogatorju u minnha riaffermata fi stadju ulterjuri tal-iter ta’ dan il-process, din il-Qorti qeghda ssibha hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha u dan wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 269, 279, 280, 281 tal-Kapitlu 9.

Dwar il-piena thaddan ghal kollox ir-rapport ta’ l-Ufficjal tal-Probation b’dan illi qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-llum dna wra li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

Qeghda tqeghda wkoll taht ordni ta’ Probation dan wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 ghal tmintax-il xahar mil-llum b’dan illi hi ghandha ssegwi program kontra r-

riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga fi hdan l-Oasi, b'dan illi jekk ikun il-kaz l-istess program ghandu jkun wiehed anke fuq bazi residenzjali.

Veronique Borg Costanzi ghandha zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri mahtura ghal dan l-iskop.

Mariella Camilleri ghandha tirraporta lil din il-Qorti bil-progress ta' din l-ordni kull erbgha gimghat bil-miktub.

Veronique Borg Costanzi ghandha tavza immedjatament lill-Ufficjal tal-Probation b'kull bdil li tista' talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------